Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 153/2026**

**It-Tlieta, 21 ta' April, 2026**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-*boardroom* tal-Kunsill Lokali tal-Għarb (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:30 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Sindku, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |
| Is-Sinjura Marion Portelli | Kunsillier, Kunsill Lokali Xagħra |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Xewkija

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Nadur
Kunsill Lokali Kercem
Kunsill Lokali San Lawrenz
Kunsill Lokali Munxar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joebert Galea, | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President ippresjeda l-laqgħa.

**153.1 Talba.**

153.1.1 Il-laqgħa bdiet billi nqrat it-talba tal-bidu.

**153.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

153.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 152 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u, għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**153.3 Korrispondenza.**

153.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti li r-Reġjun Għawdex irċieva r-riżenja tas-Sur Dylan Attard, li kien inkarigat fil-pożizzjoni ta' Uffiċjal tal-PR/Komunikazzjoni. Din ġiet aċċettata u ġie deċiż li toħroġ sejħa ġdida għal din il-kariga.

153.3.2 Il-President ressaq imejl mis-Sur Michael Camilleri f'isem The Clef House bis-suġġett "TISBIT 2026 at Teatru tal-Opra Aurora", fejn dan talab assistenza finanzjarja, sħubija (*partnership*) jew kollaborazzjoni għall-kunċert "TISBIT 2026". Il-membri qablu li peress li din l-attività hija bi ħlas, ma tistax tingħata għajnuna finanzjarja għax dan mhux permess bir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali. Ġie maqbul li jinxtraw xi biljetti.

**153.4 Rapport mill-Bord ta' Aġġudikazzjoni dwar Tender GRC/01/2026 għall-kiri ta' uffiċini għall-Kunsill Reġjonali.**

153.4.1 Ġie ppreżentat ir-rapport mill-bord ta' aġġudikazzjoni dwar il-kiri ta' uffiċini għall-Kunsill Reġjonali. Il-President informa lill-membri li l-Bord għażel l-irħas offerta li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba fil-Call for Tender. Din kienet ta' €57,600.00 bħala total għal tliet snin mis-Sur Richard Vella. Ġie maqbul li jekk ma jkunx lest il-post fi żmien xahrejn minn meta jiġi ffirmat il-kuntratt minn kullħadd, l-aġġudikazzjoni taqa' fuq it-tieni l-irħas offerta li kienet ta' Grena Investments Ltd għal €62,312.52 bħala total għal tliet snin.

**153.5 Aġġornament dwar is-Sena tal-Gastronomija.**

153.5.1 Il-President elenka lista ta' proġetti u attivitajiet u informa lill-membri li 12 minn 14-il Kunsill għażlu li jipparteċipaw. Avża wkoll li l-fondi ġew miftehma mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-lista ta' proġetti elenkati huma dawn: The Seed Library (€3,000), Benna Qalb in-Natura (€5,000), Meet the Makers (€5,000), Quality Assured Seal (€1,200), Digitizing Gozo (€2,500) u Memory Game – Maltese Culture (ammont jrid jiġi konfermat).

**153.6 Materji Oħra.**

153.6.1 Is-Sindku ta' Għajnsielem, is-Sur Kevin Cauchi, qal li s-servizz tal-istreet sweeper offrut mill-Ministeru ntlaqa' tajjeb, però ssuġġerixxa li tiġi nkluża l-ġurnata tas-Sibt fl-iskeda. B'hekk kull lokalità tiġi marbuta ma' ġurnata li tkun u tibqa' dejjem l-istess.

Il-membri qablu li jekk isir hekk ikun pass tajjeb u li r-Reġjun għandu jagħmel talba lill-Ministeru f'dan ir-rigward. Hawnhekk is-Sindku tal-Qala, is-Sur Paul Buttigieg, iddikjara li issa ried juri biċ-ċar għalfejn f'Awwissu tal-2025 hu ma kienx attenda l-laqgħa tal-Kunsill tal-Qala, peress li fl-istess ħin kien qed jiltaqa' mal-Onor. Glen Bedingfield, Segretarju Parlamentari għat-Tindif Pubbliku (fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u t-Tindif Pubbliku), u mal-Onor. Clint Camilleri, Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, dwar dan is-servizz tal-istreet sweepers.

153.6.2 Is-Sur Sammy Saliba, Viċi Sindku tal-Għasri, lmenta dwar il-bus stop u ż-żebra crossing li hemm ġo Triq l-Arċisqof Pietru Pace ir-Rabat, in-naħa ta' isfel, kif taqbeż ir-roundabout direzzjoni 'l fuq lejn l-isptar. Huwa qal li jekk il-bus stop titmexxa bi ftit ikun aħjar, peress li kif inhi bħalissa l-karozza tal-linja qed tieqaf qrib taż-żebra crossing u qed jinħoloq periklu kemm għall-pedestrijans kif ukoll għas-sewwieqa tal-vetturi. Hawnhekk is-Sindku tar-Rabat, Città Victoria, offra li jgħaddi dan l-ilment lil Transport Malta peress li t-triq hija Main Road u taqa' taħt TM.

153.6.3 Is-Sur Sammy Saliba, Viċi Sindku tal-Għasri, lmenta dwar l-ammont ta' boroż ta' żibel li qed jiġu mormija ġo Triq l-Għasri. Huwa ġie nfurmat li l-kunsill għandu jirrapporta lill-ERA.

153.6.4 Is-Sur Baskal Saliba, Sindku tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, informa li rċieva imejl mingħand is-Sur Peter Stevens, fejn dan qed jipproponi li joffri servizz fil-lokalitajiet ta' għajnuna dwar Servizzi Diġitali (Digital Services) lil min ikollu bżonn, bħal pereżempju l-anzjani. Il-membri talbu li l-ewwel jitolbu dettalji preċiżi dwar spejjeż u x'livell ta' għajnuna qed jitlob.

**153.7 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi ta' Pagamenti.</u>**

153.7.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 164 li kienet tammonta għal €184,544.24.

**153.8 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.</u>**

153.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:00 u s-seduta li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Ġimgħa 29 ta' Mejju fis-6:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ___________________ | _________________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Joebert Galea |
| President | Deputat Segretarju Eżekuttiv |